MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2004

Rikors Numru. 939/2003

John Scicluna bhala Chariman ghan-nom u in rappresentanza tal-Korporazzjoni Telemalta; u b'nota tal-10 ta' Marzu 1993 Saviour Farrugia assuma l-atti tal-kawza minflok John Scicluna
vs
Joseph Woods

Il-Qorti,

**RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` kummercjali Maltacom p.l.c. li esponiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet John Scicluna nomine vs Joseph Woods (Cit. Nru. 126/92 GCD) giet deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Jannar 1997 u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kundannat ihallas lill-Maltacom p.l.c. is-somma ta' Lm824.84 (tmien mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu), in konnessjoni mas-servizz

telefoniku b'numru 488282, li kien installat fil-fond numru 1, Triq Hal-Qormi, H'Attard, bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi s-socjeta` Maltacom p.l.c. illum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-istess socjeta` rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre Lm129.58 (mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond taxxa mmarkata Dokument A u prezentata mar-rikors, kif ukoll Lm406.86 (erba' mija u sitt liri Maltin u sitta u tmenin centezmu), imghax legali kalkulat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sallum, u ghalhekk l-ammont dovut lis-socjeta` rikorrenti huwa ta' Lm1,361.28 (elf, tliet mija u wiehed u sittin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu).

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta` rikorrenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti filwaqt illi ghamlet referenza ghall-Artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta talbet lill-Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lid-difensur tar-rikorrenti.

Ikkunsidrat

**PROVI:**

Illi semghet bil-gurament lil Dr. Ingrid Zammit Young li kkonfermat li l-pozizzjoni ghadha ma tbiddlitx minn dak in-

nhar tal-prezentata tar-rikors tat-12 ta' Settembru 2003 dwar l-ammonti kollha li hemm indikati.

**KONKLUZJONIJIET:**
Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma pprezentax nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat li llum il-konvenut mghajjat tliet darbiet ma deherx.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata, il-Qorti tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tezegwixxi s-sentenza fl-ismijiet John Scicluna nomine vs Joseph Woods (Cit. Nru. 126/92 GCD) deciza fit-28 ta' Jannar 1997.

Spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------